



Il-Kwiżż: “Sfida Komika dwar l-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej”

Mistoqsija 1: X'inhu l-iskop tal-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej?

- a) Li wieħed ikun jista' jordna pizza bid-delivery madwar l-UE
- b) Is-sehem attiv fit-tfassil tal-politika tal-UE billi jiġu ppreżentati ideat għal liġijiet ġodda tal-UE
- c) Li jintgħażel ir-rebbieħ tal-Eurovision Song Contest
- d) Li Stat Membru ġdid tal-UE jissemma “Unicornland”

Mistoqsija 2: Kemm-il ċittadin tal-UE hemm bżonn biex jitwaqqaf grupp ta' organizzaturi għall-inizjattiva tiegħek?

- a) 7 ċittadini tal-UE li jridu jiffurmaw ukoll boy band
- b) 42 ċittadin tal-UE bl-abilità tal-juggling bin-nar
- c) Mill-inqas 7 ċittadini tal-UE li jgħixu f'7 pajjiżi differenti tal-UE, mingħajr bżonn ta' ebda abilità ta' juggling
- d) Aktar ma jkun hemm parteċipanti, aktar aħjar! Stieden lill-ġirien kollha tiegħek fil-kumitat organizzattiv

Mistoqsija 3: X'kundizzjonijiet trid tissodisfa l-inizjattiva tiegħek biex il-Kummissjoni tikkunsidraha?

- a) L-inizjattiva għandu jkollha mill-inqas miljun like fuq il-media soċjali
- b) Is-suġġett irid jinkludi mill-inqas 7 kelmiet bil-lingwaġġ tekniku tal-UE, u minimu ta' 7 tipi ta' ġobon
- c) Mill-inqas miljun firma valida mill-UE, b'numri minimi f'mill-inqas 7 pajjiżi tal-UE
- d) Il-Kummissjoni tikkunsidra kull proposta, dment li din tkun akkumpanjata b'kafè tajjeb

Mistoqsija 4: Xi tkun tista' tagħmel grazzi għall-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej?

- a) Tivvota fl-elezzjonijiet tal-UE
- b) Tipproponi bidliet legali dwar kwistjonijiet li jinteressawk
- c) Tikseb prodotti promozzjonali tal-UE mingħajr ħlas

d) Issir diplomatiku tal-UE

Mistoqsija 5: X'inhu l-għan tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej?

- a) Il-promozzjoni tal-mużika pop
- b) Il-ħolqien ta' komunità ta' gamers
- c) L-involviment taċ-ċittadini Ewropej fid-demokrazija diretta
- d) Li tgħallmek issajjar

Mistoqsija 6: Kif tista' ssemma' leĥnek bl-IĊE?

- a) Billi tkanta fil-Parlament tal-UE
- b) Billi tiffirma inizjattiva miftuħa jew anke tingħaqad ma' grupp ta' organizzaturi tal-IĊE
- c) Billi tikteb ittra lis-sindku tal-lokal tiegħek
- d) Billi tivvota għal kanzunetta tal-Eurovision

Mistoqsija 7: X'jistgħu jagħmlu miljun ċittadin tal-UE bis-saħħa tal-IĊE?

- a) Jirbħu l-lotterija
- b) Jippromwovu bidla fil-politiki tal-UE
- c) Iniedu istituzzjoni ġdida tal-UE
- d) Jiltaqgħu mal-President tal-UE

Tweġibiet korretti:

Mistoqsija 1: b)

Mistoqsija 2: c)

Mistoqsija 3: c)

Mistoqsija 4: b)

Mistoqsija 5: c)

Mistoqsija 6: b)

Mistoqsija 7: b)